MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2534/2003

**Dolphin Pools Limited**

**vs**

**Joe Cassar Aveta**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Dicembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tnax il-lira Maltin u erbghin centezmu (Lm112.40) rapprezentanti prezz ta' xoghlijiet u materjal supplit mis-socjeta' attrici ghas-swimming pool tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tal-10 ta' Novembru 2003 u tat-2 ta' Dicembru 2003, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tnax il-lira Maltin u erbghin centezmu (Lm112.40), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------